# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (ĊARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 33/2022 BS**

**CJG**

**-vs-**

**BG**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors konġunt ta' CJG u BG illi ppremettew:**

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016) fir-Registru taz-Zwiegijiet, il-Belt Valletta, skont ma jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dokument A;**

2. Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn xulxin (u lanqas ma għexu ma' xulxin) ghal perjodu ta' aktar minn sitt (6) xhur;

3. Illi bejn l-partijiet emm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom;

4. Illi l-partjiet ma kellhom l-ebda ulied mill-istess relazzjoni / żwieġ;

5. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut li għandu x'jitħallas minn xi parti lill-parti l-oħra, kull parti la għanda pretensjoni ta' manteniment u kull parti qiegħda tirrinunzja għal manteniment;

6. Illi l-esponenti jixtiequ li jigi ppronunzjat id-divorzju bejniethom;

7. Illi l-esponenti BG se tkun qiegħda żżom il-kunjom G;

8. Illi l-fatti ta' dan ir-rikors qegħdin jigu konfermati bil-gurament mir-rikorrenti CJG (bl-Ingliż), filwaqt BG qiegħda tikkonferma l-istess permezz ta' nota Ġuramentata hawn annessa u mmarkata bħala **Dokument B.**

**Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:**

i) Tippronzju d-divorzju bejn il-partijet u tiddikjara bħala maħlul iż-żwieġ iċċellebrat bejniethom fil wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016);

ii) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imħolli għal daqshekk minn din l-istess Onorabbli Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat konġunt tal-partijiet.

Fliet id-dokumenti u l-atti kollha.

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 C tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti. Infatti rriżulta li l-partijiet iżżewwġu fil-21 ta' Mejju, 2016, pero ilhom *de facto* isseparati minn xulxin għal aktar minn sitt xhur.

Il-partijiet jiddikjaraw illi ma hemmx pendenzi bejniethom. Irriżulta b'mod ċar minn dak li qalu l-partijiet li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li jirrikonċiljaw.

Tqis li għalhekk il-partijiet irnexxielhom jissodisfaw il-kriterji neċessarji sabiex it-talba tagħhom tiġi milqugħha.

**Deċide.**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-partijiet u fil-waqt li tippronunzja d-divorzju bejniethom tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż għandhom jitħallsu mill-partijiet nofs bin-nofs.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur